ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 59** **IT-TLIETA 10 TA' JANNAR 2012**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 10 ta' Jannar 2012 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Jesmond Aquilina, **il-Viċi Sindku** Kenneth Busuttil (7:20), **il-Kunsilliera** Angelo Briffa, Jeffery Camilleri, Thomas Harmsworth, Simon Vella Gregory, Dennis Zammit, Bjorn Azzopardi u Ralph Puli (7:15).

**Il-Kunsilliera** Margaret Mercieca u Jason Busuttil informaw li ma setgħux jattendu minħabba impenji oħra u xogħol rispettivament u kienu skużati.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**59/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 58**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 58 li nżammet nhar it-Tlieta 06 ta' Diċembru 2011, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur is-seba' Kunsilliera (7) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 58 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**59/02 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**59/02/01** **Is-Sindku** nforma li nhar il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru 2011, f'nofsinhar, infetħu t-tliet tenders fil-preżenza tal-Kunsilliera Thomas Harmsworth u Angelo Briffa flimkien mas-Sindku. **DOK 'A1-3'**

Is-Sindku nforma li għas-sejħa għat-twaqqif tas-sistema ta' dawl LED fi Triq Dun Ġwakkin Schembri kien hemm tliet offerti li għalihom qed jitħejja rapport tekniku mill-E*ngineer* u l-Perit tal-Kunsill. Filwaqt li l-offerti għal-Latrini Pubbliċi kien hemm ħames offerti li jvarjaw fil-prezzijiet mitfugħa. Għas-sejħa għall-ġbir tal-Bulky Refuse ukoll kien hemm ħames offerti.

Kien maqbul ukoll li l-Bord tal-Għażla jkun kompost mis-Sindku u l-Viċi Sindku flimkien mal-Kunsilliera Thomas Harmsworth u Angelo Briffa.

**59/02/02** **Is-Sindku** nforma li wara li nħarġet il-Memo 4/2012 dwar il-Linji Gwida għal Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsilli Lokali, il-Kunsill sejjer jagħmel is-sejħa għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv kien informa lid-Direttur tal-Gvern Lokali li se jkun preżenti għall-awditjar tas-sena finanzjarja 2011 u se jispiċċa fid-9 ta' Marzu.

Il-proċess hu wieħed simili għal ħatra ta; Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku, u s-sejħa sejra ssir permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u fuq il-*website* tad-Dipartiment u dawk kollha li huma eliġibbli għal din il-kariga jistgħu japplikaw fuq il-formola tal-applikazzjoni. L-applikazzjoni tista' tintbagħat bil-posta jew titwassal fil-Kunsill f'envelopp issiġġillat sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Jannar, 2012.

Is-Segretarju Eżekuttiv fisser li l-Kunsill għandu jaħtar Bord tal-Għażla li għandu jkun magħmul minn mhux inqas minn tlieta iżda mhux aktar minn ħames membri, u hu rrikmandat illi f'dan il-Bord ikun hemm nies esperti fl-oqsma tar-reklutaġġ u tar-riżorsi umani.

Il-Kunsill qabel li l-bord tal-għażla jkun kompost mis-Sindku, flimkien mal-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Bjorn Azzopardi u Ralph Puli, flimkien ma' persuna oħra esperta fl-oqsma tar-reklutaġġ u tar-riżorsi umani.

**59/03** **Il-Kunsillier Ralph Puli** daħal għas-seduta fis-7:15, u l-Viċi Sindku Kenneth Busuttil daħal għas-seduta fis-7:20

**59/04 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' DIĊEMBRU 2011**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2011, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Diċembru
**b)** *Bank Payments* Diċembru 2011
**c)** *Petty Cash* Diċembru 2011

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**Il-Kunsillier Thomas Harmsworth** issekonda.

**Ivvutaw Favur** id-disa' Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**59/05 MOZZJONI 129-2012 (V) – PERFORMANCE BONUS IMPJEGATI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina,** ressaq il-Mozzjoni 129/2012 dwar il-*Performance Appraisal Bonus* tal-Impjegati tal-Kunsill.

"Billi l-kuntratt ta' l-impjegati tal-Kunsill jipprovdi li fl-aħħar tas-sena finanzjarja l-impjegati għandhom jitħallsu l-*performance bonus*;

U billi r-regolamenti finanzjarji jipprovdu wkoll li dan il-Bonus m'għandux ikun iżjed minn 6% tar-renumerazzjoni li jkunu qed jitħallsu fil-każ ta' l-impjegati;

U billi s-Segretarju Eżekuttiv irrikmanda fir-rapporti mressqa tal-*Performance Appraisals*, li l-impjegati għandhom jingħataw il-*performance bonus* kif imsemmi 'l fuq;

Qed jiġi riżolt li l-impjegati tal-Kunsilli jitħallsu l-ammont tal-Performance Bonus skont il-persentaġġ ta' 6%

**Il-Kunsillier Dennis Zammit** issekonda.

**Is-Sindku** ressaq il-*Performance Bonus Appraisal* ta' kull impjegata, li fih hemm irrapurtat il-ħidma ta' kull impjegata matul din is-sena 2011. Dan id-dokument jiġbor analiżi tal-ħidma ta' kull impjegata fil-Kunsill, kif ukoll tpoġġew *targets* ġodda għas-sena li ġejja, fejn l-enfażi ser tibqa' dwar it-*teamwork* fil-ħidma ta' kuljum.

Huwa ppropona li kif kien propost mis-Segretarju Eżekuttiv, l-impjegati jingħataw il-*full bonus* għal sena oħra ħidma bla waqfien, effiċjenti u ħidma eċċezzjonali li għandha tkun ta' inċentiv lil kulħadd sabiex ikun hemm sforz akbar biex ikun hemm inizjattiva ġdida u sħiħa għal aktar *improvement* fix-xogħol. Għalhekk jistenna li kulħadd jerġa jagħmel sforz akbar matul is-sena d-dieħla li ser tkun ukoll l-aħħar sena tal-Kunsill, fejn għandu jsir aktar attenzjoni għal kull ilment. Għalhekk il-Kunsilliera kien mitluba jikkummenta u japprova dan il-*performance*

*bonus* lill-impjegati. Is-Sindku ressaq għall-approvazjoni l-*Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv u ppropona 10% u nforma li kien qed jgħaddi dan id-dokument lid-Direttur tal-Gvern Lokali.

**Is-Sindku** ressaq il-Mozzjoni 129/2012 (V), u tas-Segretarju Eżekuttiv għall-vot.

**Ivvutaw Favur id-disa' Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni.**

**59/06 MOZZJONI 130-2012 (V) – KORS AEROBICS**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ressaq il-Mozzjoni 130/2012 dwar tħejjija ta' kors tal-aerobics mill-Health Promotion Unit.

'Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi jilqa' t-talba tal-*Health Promotion Unit* sabiex jiġi organizzat kors tal-*Aerobics* għall-persuni b'piż żejjed. Dan il-kors se jikkonsisti f'żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa għal 8 ġimgħat u se jkun bla ħlas. Id-Direttorat se jkun responsabbli għall-amministrazzjoni tal-kors kif ukoll se jipprovdi *fitness instructor*, filwaqt li l-Kunsill Lokali Qormi hu mitlub li jipprovdi post fejn jiġi organizzat dan il-kors u li jippromwovi dan il-kors fil-lokalita'. **DOK 'C'**

Nissuġġerixxi li dan il-kors jiġi organizzat fl-iskola ta' San Ġorġ fl-istess żmien tal-korsijiet tal-induratura u taz-Zumba sabiex il-Kunsill iħallas għas-sala ħlas wieħed biss għal aktar minn kors wieħed.

**Il-Kunsillier Thomas Harmsworth** issekonda.

**Ivvutaw Favur l-Disa' (9) Kunsilliera preżenti.**

**Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.**

**59/07 ALLOKAZZJONI FINANZJARJA 2012**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-Allokazzjoni Finanzarja ta' €1,030,919 għas-sena 2012, fejn ġie nnotat li kien hemm żieda ta' €54,543 fuq l-Allokazzjoni tas-sena 2011. **DOK 'D'**

L-allokazzjoni għan-nefqa tal-Parki, Ġonna u Soft Areas żdiedet b'€5,146, għal €53,191 filwaqt li l-allokazzjoni għan-Nefqa tal-Amministrazzjoni għal din is-sena hija €176,694, żieda ta' €3,209 fuq dik tal-2011. L-istess għall-allokazzjoni għal Manutenzjoni ta' Toroq u Infrastruttura, li tinkludi l-Knis tat-Toroq, il-qtugħ ta' Ħaxix f'Toroq Urbani, it-tindif ta' Toroq Mhux Urbani, l-manutenzjoni ta' Toroq, il-*Bus*

*Shelters*, it-Tabelli u Sinjali tat-Toroq, u l-Lampi tat-Toroq, saret €333,315 għall-2012, żieda ta' €13,140.

Fl-aħħarnett innota wkoll li l-allokazzjoni għall-Immaniġġjar tal-Iskart, li tinkludi l-ġbir ta' Skart u *Bins on Wheels, Bring-in Sites,* ġbir ta' *bulky refuse, skips,* u t-tindif tal-latrini, laħqet total ta' €341,064. Ma' dawn hemm fond ta' aġġustament ta' €23,060 u Allokazzjoni għat-*Tipping Fees*, ħlas li jsir kollu kemm hu lil *Wasteserv* ta' €103,594.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Awdituri ġew mitluba sabiex l-awditjar jsir qabel. Għalhekk fl-1 ta' Frar jeħtieġ issir laqgħa tal-Kunsill sabiex jkun approvat il-*Financial Statements* għas-sena 2011. Hu maħsub li sal-aħħar ta' Frar ikun tlesta l-awditjar u l-Kunsill ikun irċieva l-*management letter* mingħand l-awdituri. B'hekk il-Kunsill ikun jista' jirrispondiha sal-10 ta' Marzu 2012.

Il-Kunsill qabel li s-seduta li jmiss tinżamm nhar l-Erbgħa 1 ta' Frar fejn jitressqu l-*Financial Statements* tal-2011.

**59/08 MEMOS - 120 SA 123 tal-2011, u 1 SA 4 tal-2012**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista' ta' memos min-numru 120 sa 123 tal-2011, u 1 sa 4 tal-2012, li lkoll kienu mressqa u ċċirkulati għall-attenzjoni tal-Kunsillier. **DOK 'E 1-7'**

**59/09 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-Korrispondenza dwar: **DOK 'F 1-5'**

1. Perit William Lewis – pjanti bankini area Triq San Sebastjan. Il-Kunsill innota l-pjanti mressqa dwar pavimentar ġdid u sar qbil li tinġibed l-attenzjoni tal-Perit sabiex il-madum ma jkunx żgħir ħafna, u approva li titressaq talba lill-Urban Improvement Fund għall-finanzjament ta' dan il-proġett.
2. Traffic Management - Proposta *Pelican Crossing* fi Triq il-Ħammieri. Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien irċieva konferma tal-approvazzjoni minn Transport Malta tal-Pelican Crossing fi Triq il-Ħammieri, fejn kien maqbul li Triq il-Bard tinqaleb *One Way* 'l ġewwa minn Triq il-Ħammieri.
3. Awtorita' tad-Djar – Binjiet għall-manutenzjoni fis-sena 2012-01-10. Il-Kunsill qabel li jitressqu għall-attenzjoni tal-Awtorita' tad-Djar il-Binjiet Blokki 1 sa 6 ta' Triq id-Deheb Fin, u Blokki 11, 12, 1, u 2 f'De La Cruz Avenue.
4. Memo 65/2011 - Skema Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012. Is-Sindku fisser li l-Kunsill irċieva mill-ġdid l-ittra dwar skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012, Memo 65/2011 fejn il-Kunsill ġie nfurmat li se

jingħata €4,000 għall-Festa tar-Rebbiegħa 2012 (Springfest) u €4,000 għal-Lejl F'Casal Fornaro.

5. J.V.Meli Imports - *Vehicular traffic in Valletta Road Area*. Il-Kunsill innota l-korrispondenza dwar il-problemi ta' *traffic management* fl-area ta' Triq il-Belt Valletta. Il-Kunsill kien imfakkar li l-proposti mressqa fl-2009 għal toroq *One Way* f'dik l-area ma kienux approvati mill-istess residenti. Għaldaqstant il-Kunsill irid jibda proċess ġdid ta' konsultazzjoni jekk jitressqu talbiet minn residenti u sidien ta' dik l-area.

**59/10** **Is-Sindku** nforma li Ms Maria Casha kienet temmet għar-raġunijiet personali l-impjieg tagħha mal-Kunsill fil-Proġett Pilota Aktar Impjiegi fil-Kunsilli Lokali għall-Persuni b'Diżabilita'. Il-Kunsill kompla f'dan il-proġett billi mpjega lil Ms Roberta Mizzi, persuna nieqsa mis-smigħ, li bdiet taħdem mill-bidu tas-sena.

**59/11** Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill lista dwar l-inventarju ta' l-assi fissi fejn ġew identifikati xi oġġetti li m'għadhomx ta' użu fil-bini tal-Kunsill u dan sabiex ikun approvat it-tneħħija tagħhom mir-reġistru, skond il-Proċeduri ta' l-1996 dwar Kunsilli Lokali (Finanzi), Paragrafu 1.16b. Il-Kunsill approva l-lista annessa unanimament u nnota t-tagħrif mogħti. **DOK 'G'**

**59/12** **AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar l-Erbgħa 1 ta' Frar 2012 fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-8:25 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | John Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2012.
(Jum) (Data) (Xahar)